Leħen il-Parroċċa

Ħal Luqa

diċembru 2007

# Il-Milied

Dun Karm Camilleri - **Kappillan**

Sinjur kbir li kien jgħix ħajja bla rażan mar għand pittur u ordnalu pittura tal-Milied għas-salott tal-villa tiegħu peress li dak il-post kien imsejjah *Chrstmas Hill*. Meta mar jarha s-sinjur tbaqbaq bis-sħiħ għax lemaħ pittura kbira maqsuma fi tnejn... Fuq naħa l-waħda xena ta' ikla mimlija b'kull ġid u fin-naħa l-oħra grotta vojta. "Dan hu l-Milied tiegħek... ikla tajba imma spiritwalment vojt", qallu l-pittur.

**Żmien qaddis**

Ħafna jgħidulek li l-Milied ma tantx iħobbuh għaliex jimliehom bid-dwejjaq tar-rigali u bit-tensjoni ta' ħafna *parties* u b'ħafna nostalġija w'tifkiriet ta' xi ħadd għażiż li jkunu tilfu. Ma rridux ninsew li l-Milied veru huwa żmien qaddis li jfakkarna fit-twelid ta' Ġesu' Bambin. L-Iben t'Alla li sar Bniedem għalina jiġi mill-ġdid fostna biex mill-ġdid jerġa jħabbibna miegħu, u jgħinna nibdew ngħixu mill-ġdid il-ħajja t-tajba. L-aljenazzjoni żejda minn dak li hu qaddis bilfors idaħħalna fis-sqaq ta' ħajjitna. Dak li hu materjali waħdu ma jista' qatt jissodisfana. Mela mhux biss ikel u xorb u rigali u *parties* imma riflessjoni qaddisa fuq Ġesu' tarbija fi żmien in-Novena tal-Milied, xi ftit tal-karita', quddiesa u tqarbina u qrara tajba li tbattlek mir-rimorsi kollha tal-ħajja l-imgħoddija.

**Żmien ta' Paċi**

Il-kant tal-Milied, fosthom dik l-ghanja sabiha *Ninni la Tibkix Izjed*, ta' Patri Indri Schembri, li kien minn Ħal Luqa, jimliena b'ċertu ferħ u paċi. Il-priedka tat-tifel u r-reċti tat-tfal fi żmien il-Milied ukoll jgħollulna qlubna 'l fuq għaliex juruna li Alla niżel jgħammar fostna f'dik l-umilta' ta' tarbija ċkejkna. Il-ġrajja tal-Milied hija kollha kemm hi msawwra fil-faqar li għadhom jgħixu iżjed minn tlett kwarti tan-nies tad-dinja. Imma madanakollu l-messaġġ tal-Milied huwa Paċi u Ferħ lil nies ta' rieda tajba. Kemm gwerer u terroriżmu għadhom jaħkmu qalb il-bniedem, kemm firdiet u mibgħeda għadek issib fil-familji tagħna mħabba l-wirt u kwistjonijiet oħra, u kemm għad baqa' nies li qalbhom ħażina jassru lil huthom b'kull mod ta' tbatija. Ġesu' qed joffrilna okkażjoni oħra biex nikkonvertu f'dan i-Milied.

Nawguralkom il-Milied ħieni, kif ukoll risq tajjeb għas-sena li ġejja. Ħallih lil Ġesu' jitwieled fik f'dan iż-żmien qaddis.

IEQAF u AĦSEB

# "Tafu għalfejn Twelidt?" jistaqsina Alla

Fr. David Farrugia - Viċi Kappillan



"Jien twelidt għeri," jgħidilna Alla,
"biex tkunu tafu tinżgħu minnkom
innfuskom."

"Jien twelidt fqir
biex tkunu tistgħu tqisuni bħala
l-unika ġid."

"Jien twelidt fi stalla
biex tkunu tistgħu tqaddsu kull
ambjent."

"Jien twelidt dgħajjef," jgħidilna
Alla, biex ma jkollokomx għalfejn
tibżgħu minni."

"Jien twelidt għall-imħabba
biex qatt ma tiddubitaw
mill-imħabba tiegħi."

"Jien twelidt bil-lejl
biex temmnu li jien tassew nista'
ndawwal kull realta'."

"Jien twelidt ippersegwitat
biex tagħrfu taċċettaw kull diffikulta'."

"Jien twelidt fis-sempliċita'
biex tieqfu milli tkunu ikkumplikati."

"Jien sirt bniedem
biex intom tkunu tistgħu issiru 'allat'."

"Jien twelidt fil-ħajja tagħkom
biex inkun nista' inwassalkom sad-dar tal-Missier."

# Id-**Djarju** tal-Parroċċa

## diċembru 2007

| | | |
|---|---|---|
| **Is-Sibt** | 1 | Qrar lejliet il-Griżma ta' l-Isqof fil-5.00 p.m. |
| **Il-Ħadd** | 2 | **L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent**<br>Fit-8.30 a.m. - Quddiesa imxandra fuq l-RTK li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesu'<br>Fl-10.00 a.m. - Quddiesa li fiha jkollna ċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma ta' l-Isqof mill-Arċisqof Emeritus Eċċ. Mons. Ġużeppi Mercieca. |
| **Is-Sibt** | 8 | **Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni**<br>Il-ħin tal-Quddies ikun bħal dak ta' matul il-ġimgħa.<br>Fis-7.30 p.m. -Varjeta' tal-Milied fit-Teatru Metanoia minn Skene' |
| **Il-Ħadd** | 9 | **It-Tieni Ħadd ta' l-Avvent** |
| **L-Erbgħa** | 12 | Irtir għal kulħadd min-Nisa' A.K. fid-9.00 a.m. fiċ-Ċentru Parrokkjali. |
| **Is-Sibt** | 15 | Tibda n-Novena tal-Milied.<br>Matul in-Novena, r-Rużarju jibda fil-5:30pm u wara jkollna ħsieb tan-novena u l-Barka Sagramentali. |
| **Il-Ħadd** | 16 | **It-Tielet Ħadd ta' l-Avvent**<br>Fil-5.30 p.m. - Niċċelebraw il-Magħmudija fil-quddiesa. |
| **Is-Sibt** | 22 | Qrar fil-5.00 p.m. bi preparazzjoni għall-Festa tal-Milied. |
| **Il-Ħadd** | 23 | **Ir-Raba' Ħadd ta' l-Avvent**<br>Fit-8.30 a.m. - Il-Quddiesa ser tkun bis-sehem tal-Kor tat-Tfal u fiha ser isir it-tberik tal-Bambini. Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa u jġibu xi Bambin magħhom. |
| **It-Tnejn** | 24 | **Lejliet il-Milied**<br>Fil-5.15 p.m. Tibda il-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin għat-tfal kollha organizzata mill-membri tal-MUSEUM.<br>Fis-6.00 p.m. Quddiesa<br>Fil-11.00 p.m. Pageant, Kant tal-Milied u Priedka tat-Tifel.<br>F'12.00 a.m. Quddiesa tal-Lejl tal-Milied. |
| **It-Tlieta** | 25 | **Festa tat-Twelid ta' Sidna Ġesu' Kristu**<br>Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal dawk ta' nhar ta' Ħadd. |
| **Il-Ħadd** | 30 | **Festa tas-Sagra Familja**<br>Fl-10.30 a.m. Quddiesa organizzata mill-Grupp tal-Koppji. |
| **It-Tnejn** | 31 | **L-Aħħar tas-Sena**<br>Fil-6.00 p.m. Quddiesa bis-sehem tal-Kor 'Excelsior' li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, fl-għeluq ta' din is-sena ċivili, 2007.<br>Mill-10.00 p.m. sal-11:00pm Adorazzjoni<br>Fil-11.00 a.m. Quddiesa u f'nofs il-lejl niċċelebraw il-Bidu tas-Sena flimkien. |

# Ngħixu l-Liturġija 22

## Il-Milied u l-Ottava tiegħu

Kan. Karm Zammit

Il-festi tal-Milied u ta' l-Epifanija bdew jiġu ċċelebrati fil-Knisja bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien, il-Milied fil-knejjes tal-Punent, u l-Epifanija fil-knejjes tal-Lvant.

Ma nafux meta kien il-jum tat-twelid tal-Mulej u l-25 ta' Diċembru ma ntgħażilx bħala Jum il-festa tal-Milied għax dak inhar twieled il-Mulej. Milli jidher, il-Knisja ta' Ruma daħħlet il-festa tal-Milied biex tieħu post il-festa pagana f'ġieħ ix-Xemx qatt mirbuħa. Din il-fehma hija mwettqa mill-Kotba Mqaddsa li fil-miġja tal-Mulej jaraw iż-żjara tax-Xemx tielgħa, li tagħti d-dawl lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, u tmexxi l-passi tagħhom fit-triq tas-sliem. Kristu biss hu tassew ix-Xemx tal-ġustizzja, u d-dawl tad-dinja, id-dawl veru li jdawwal kull bniedem huwa u ġej fid-dinja.

Għall-bidu ċ-ċelebrazzjoni tal-Milied ma kinitx biss iċ-ċelebrazzjoni tat-twelid tal-Mulej, imma f'Ruma u fil-Punent xterdet il-festa ta' l-Epifanija, il-Liturġija ta' Ruma, fil-25 ta' Diċembru, bdiet tiċċelebra biss it-twelid ta' Ġesu'. Minn Ruma, il-festa tal-Milied malajr xterdet fl-Afrika ta' Fuq u fl-Italja u nistgħu ngħidu fi Spanja wkoll. Imma mhux fi Franza. Bil-mod, il-mod, il-festa tal-Milied, fil-25 ta' diċembru, daħlet ukoll fil-knejjes tal-Lvant.

Id-drawwa ta' tliet Quddisiet fil-Milied fil-knejjes kollha ta' Ruma daħlet għall-ħabta tas-seklu VII, iżda damet sas-seklu X biex xterdet fil-knejjes kollha tal-Punent. Bit-tiġdid litruġiku li sar fi żmienna, it-tliet quddisiet iridu jitqaddsu f'ħinhom, jiġifieri f'nofs il-lejl, fil-għodu kmieni u tul il-jum tal-Milied. Il-Quddiesa ta' nofs il-lejl tħabbrilna t-twelid ta' Ġesu' f'Betlehem u twasslilna l-Bxara t-tjba ta' ferħ kbir li l-Anġlu ta lir-rgħajja ta' Betlehem, waqt li t-tieni Quddiesa tistedinna nagħtu qima lil Ġesu' tarbija flimkien mar-rgħajja, u t-tielet Quddiesa turina li t-tarbija li twieldet f'Betlehem hija l-Verb li kien għand Alla u huwa Alla.

F'Ruma, għeluq it-tmint ijiem mill-festa tal-Milied, forsi minn qabel is-seklu VI, kienet issir festa f'ġieħ il-Verġni Marija. Ir-riforma liturġika ta' żmienna reġgħet għamlet l-ewwel ta' Jannar jum ta' festa f'ġieħ il-Madonna bħala Omm Alla, izda flimkien mal-Maternita' tal-Verġni Marija, fl-ewwel tas-sena, il-Knisja tiċċelebra wkoll iċ-ċirkonċiżjoni tal-Mulej u l-isem imqaddes ta' Ġesu'.

Referenza: Il-Jiem tal-Laqgħa tal-Ġemgħa - Ġ Lupi



**Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Jaden Galea



**Twieldu mill-Ġdid bil-Magħmudija**
Lyon Falzon
Luca Baldacchino
Kyran Massa



**Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem**
Dolly Said
Felix Brincat
Madalena Schembri

**Segwi l-funzjonijiet u l-attivitajiet kollha li jsiru fil-Parroċċa permezz ta' l-Internet...**



**www.luqaparish.com**